# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.**
**LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)**

**Seduta tal-Ġimgha, 7 ta' Marzu, 2025**

## Talba Numru: 17/2021 (MPX)

**John Sciberras (K.I. 55760G); u wara digriet tat-23 ta' Awwissu, 2024, l-atti ġew trasfużi f'isem Melita Sciberras (K.I. 24760G), stante l-mewt tal-istess John Sciberras fil-mori**

**vs**

**Mario Camilleri**
**(K.I. 16097G)**

PRELIMINARI

**It-Tribunali;**

**Ra** l-avviż tal-attur ippreżentat fit-23 ta' Diċembru, 2021, fejn ippremetta kif ġej:

*Ghid int konvwnut ghaliex m'ghandekx tigi kkundannat li thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elfejn, mija u ghoxrin Ewro u hdax-il centezmu, rapprezentanti bilanc li ghadu dovut minn somma ikbar, rigwardanti xoghol ta' installazzjoni u moghdija ta' servizzi tad-dawl u ilma f'zewg appartamenti li jinsabu fil-blokka maghrufa bl-isem "Balzunetta Court", fi Triq il-Provigarju, Ghajnsielem, Ghawdex, u dan kif ser jirrizulata waqt is-smiegh tal-kawza, liema xoghlijiet saru kollha fuq inkarigu, struzzjonijiet u talba specifika tieghek.*
*Bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija mid-data minn meta gew dovuti sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez tal-prezenti procedura, inkluzi wkoll dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 81/2021 intavolata ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 96/2021 (SG).*

*Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa inti ingunt.*

**Ra** r-risposta tal-konvenut, li permezz tagħha laqa' għat-talbiet tal-attur kif ġej:

*Illi t-talbiet attrici huma bla ebda bazi fattwali u legali, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri, partikolarment peress illi:*

1. *Ix-xoghol ma sarx fuq inkarigu tal-esponenti;*

2. *Illi l-mittenti ma kellu l-ebda involvement fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet, ghajr biss bhala l-persuna li laqqa' lill-attur u lill-persuna li fil-fatt talab ix-xoghol.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

**Ra** illi fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2023, ġiet ippreżentata nota ta' riduzzjoni, biex b'hekk l-ammont totali pretiż mill-attur ġie ridott għal elf, mija sebgħa u erbgħin ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu;

**Ra** l-affidavit ta' Franklin Farrugia, li permezz tiegħu kkonferma bil-ġurament li jaħdem bħala electrician, u li kien għamel żmien jaħdem ma' John Sciberras, u ċjoè jgħinu jgħaddi d-dawl. Żied jgħid ukoll illi darba fost l-oħrajn Sciberras kien qallu biex imur jgħaddi d-dawl ġol-appartament ta' ċertu Mario Camillleri. Jgħid li din il-blokka kienet tinsab f'Balzunetta Court, f'Għajniselem, Għawdex, u kienet Blokk E. Jgħid li xogħlu kien jikkonsisti f'li jagħmel it-trinek fil-ħajt u f'li jqatta' xi kaxxi għall-plugs. Ikompli jispjega li kien għadda pajpijiet u wires tad-dawl, kif ukoll wall light points fl-appartament. Iżid jgħid li ma kienx involut f'xogħol ta' ilma, u lanqas fil-finishings tad-dawl;

**Ra** l-affidavit ta' Paul Buttigieg, fejn qal li huwa jaħdem bħala plumber u electrician, u li kien għamel żmien jaħdem ma' John Sciberras billi jgħinu jgħaddi d-dawl u l-ilma kull fejn kien ikun hemm bżonn. Iżid jgħid li darba fost l-oħrajn Sciberras kien qallu biex imorru jaħdmu fil-Blokk E li kienet tinsab f'Balzunetta Court, f'Għjnsielem, Għawdex. Jgħid li bħala xogħol kien niżżel il-mains tal-ilma minn fuq il-bejt għal ġol-appartament ta' Mario Camilleri. Ikompli jgħid li lil Mario Camilleri huwa ġieli rah f'dan l-

appartament u li kien imur jiċċekkja biex jara jekk kienx kollox sew. Jgħid li fejn jidħol xogħol ta' dawk huma kienx involut;

**Ra** l-affidavit ta' John Sciberras, li permezz tiegħu kkonferma bil-ġurament li kien jaħdem bħala electrician u plumber. Jgħid li kien ġie inkarigat jgħaddi d-dawl u l-ilma ta' ħames blokok, u ċjoè Blokk A sa Blokk E, li lkoll jinsabu f'Balzunetta Court, f'Għajnsielem, Għawdex;

Jgħid li darba fost l-oħrajn kien qed jaħdem ġo Blokk E, u kien mar fuqu Mario Camilleri fejn talbu biex jagħmillu xi xogħlijiet ta' dawl u ilma, f'żewġ appartamenti li kellu fl-istess Blokka E, u ċjoè dawk bin-numri 7 u 9. Iżid jgħid li huwa kien aċċetta li jaħdimlu u fil-fatt wassallu s-servizzi tal-ilma u d-dawl sa fejn kellu bżonnhom, u dan kollu kif kienu ftiehmu. Barra minn hekk, kien talbu wkoll sabiex iġiblu xi affarijiet tad-dawl, fosthom terminals, plugs, double plugs u pipes, li jgħid li kien fil-fatt ipprovdihomlu, liema affarijiet jgħid li huma indikati fuq l-invoice annessa mal-istess affidavit. Jgħid li dawn kienu ntalbu, peress li Camilleri kien ser jagħmel xi xogħlijiet tad-dawl hu personalment.

Iżid jgħid illi l-kont finali kien tela' għal elf, mija u sebgħa u erbgħin ewro u disgħa u sebgħin ċentemzu, u dan kif jemerġi mill-invoice. Ikompli jgħid li Camilleri qatt ma gerger fuq ix-xogħol li kien għamillu, anzi rringrazzjah ħafna, peress li kien qdieh malajr u b'mod tajjeb. Jgħid li, però, kull meta bagħatlu l-kont biex iħallas qatt ma rrispondieh, u għalhekk kellu jiftaħ din il-kawża;

**Ra** wkoll l-invoice annessa mal-istess affidavit ta' John Camilleri;

**Ra** d-dokument rappreżentanti l-employment history tal-konvenut, kif maħruġa minn Jobsplus;

**Ra** x-xhieda tal-konvenut, mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru, 2023, fejn qal li lil John Sciberrs kien jafu. Jgħid li kien jaħdem ma' kumpanija, fejn hu kien jieħu ħsieb ix-xogħol u Sciberras kien jaħdem ma' dik il-kumpanija għal rasu. Jgħid li l-kumpanija kien jisimha PRA Construction. Jgħid ukoll li Sciberras kien electrician, filwaqt li huwa kien project manager;

Żied jispjega li bħala project manager huwa kien responsabbli li jsir xi xogħol li kien hemm bżonn, bħala construction u finishing. Jgħid li dan kien ifisser li meta kien hemm xi xogħol kien jgħajjatlu, u x-xogħol isir. Jgħid li darba minnhom kien hemm persuna li ried xi xogħol ta' electrician, u kien provdielu n-numru biex ix-xoghol isir.

Jgħid li kien konxju li kienu kkuntattjaw lil xulxin, iżda li sa hemmhekk jaf.

Jgħid ukoll illi l-appartament bin-numru 7 fi ħdan Balzunetta Court, Għajnsielem, Għawdex, huwa propjetà tiegħu, iżda li x-xogħol hemmhekk żgur li ma kienx għamlu Sciberras, u jgħid li lest juri invoices ta' min għamel ix-xogħol, u ċjoè electrician ieħor li tiegħu għandu l-invoices mill-bidu sal-aħħar. Jgħid ukoll illi fir-rigward tal-appartament bin-numru 9, huwa kien qabbad lil Sciberras ma' persuna rigward dan l-appartament, u li skont l-informazzjoni li għandu, huwa kien tħallas l-ammont kollu. Jgħid li l-appartament numru 9 mhuwiex propjetà tiegħu. Mistoqsi ma' min kien qabbdu, jgħid li kien ma' ċertu Karmnu minn Malta, li kunjomu ma jafux.

Mistoqsi jekk jagħrafx id-dokument esibit bħala Dokument 'JS01' a fol 25 tal-proċess, li huwa invoice maħruġa minn Sciberras, il-konvenut jgħid li milli jista' jifhem dik hija quotation, li fuqha hemm imniżżel in-numru tal-appartament tiegħu. Jasserixxi illi x-xogħol ma twettaqx minn Sciberras, u li huwa għandu invoices li ġew imħallsa, maħruġa minn kumpanij differenti.

**Ra** l-affidavit ta' Noel Borg, fejn ikkonferma bil-ġurament tiegħu li huwa jagħmel xogħol ta' electrician u plumber; liema xogħol jikkonsisti fil-mogħdija ta' servizzi relatati mad-dawl u l-ilma, u xogħol iehor relatat. Jgħid li huwa jaħdem għal rasu, u ilu f'dan ix-xogħol għal dawn l-aħħar tnax(12)-il sena;

Jgħid li lill-konvenut jafu peress li mhux l-ewwel darba li qabbdu jagħmel xi xogħlijiet. Iżid jgħid li jiftakar li fuq dan ix-xogħol, u ċjoè dwar l-appartament tiegħu bin-numru E7 li jinsab fil-blokka bl-isem ta' Balzunetta Court, Triq il-Provigarju, Għajsielem, Camilleri kien mar fuqu biex jgħaddilu xogħol tad-dawl u l-ilma.

Iżid jgħid li ftit wara li kien semmielu x-xogħol, kien mar fuq il-post u Mario Camilleri kien spjegalu x'ried fl-appartament. Jgħid li meta ltaqgħu fuq il-post, Mario Camilleri kien spjegalu fejn ried is-servizzi, u ċjoè l-plakek, switches u vitien. Jgħid li kienu ħażżu fuq il-ħitan biex ikun jaf fejn ried iqatta', u dan peress li Camilleri kien ser jieħu ħsieb iqatta' t-trinek; u għalhekk hu xogħlu kien biss it-tqegħid tal-pajpijiet u l-mogħdija tal-wires u l-ilma. Jgħid li fil-fatt, meta kien ħa ħsieb iqattagħhom hu stess, huwa kien mar biex jagħmel ix-xogħol li kien miftiehem miegħu li kellu jagħmel.

Noel Borg jgħid li x-xogħol kollu relatat mad-dawl u l-ilma fl-imsemmi appartament għamlu kollu hu u ħadd iktar ma ħadem f'dak l-appartament. Jikkonferma li l-materjal relatat ma' dan ix-xogħol kien provdieh hu.

Jikkonkludi billi jgħid li jaf lil Mario Camilleri ta' dan ix-xogħol, liema xogħol kien ser jiġi paċut ma' xogħol ieħor li l-istess Mario Camilleri kien għamillu f'xogħol ta' aluminium. Jgħid li din mhux l-ewwel darba li ħadmu b'dan il-mod, peress li la hu jqabbad lilu, huwa mbagħad iqabbdu għal xogħol ta' aluminium.

**Ra** l-kuntratti relattivi għall-akkwist tal-appartamenti tal-konvenut fi ħdan il-korp ta' bini bl-isem ta' Balzunetta Court, fi Triq il-Provigarju, Għajnsielem, Għawdex;

**Ra** l-kontroeżamijiet li saru;

**Ikkunsidra:**

Ix-xhieda prodotti mill-attur kienu John Sciberras innifsu, li għadda għall-ħajja aħjar fil-mori ta' dawn il-proċeduri, u li għaldaqstant il-kontroeżami tiegħu ma setax isir, flimkien ma' żewġ xhieda oħra, li t-tnejn li huma jgħidu li, fuq istruzzjonijiet tal-istess John Sciberras, wettqu x-xogħol indikat minnu fi ħdan il-korp ta' bini bl-isem ta' Balzunetta Court, fi Triq il-Provigarju, Għajnsielem.

Flimkien mad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' John Sciberras ġiet esibita invoice, indirizzata lill-konvenut Mario Camilleri, elenkanti xogħlijiet relatati ma' servizzi u materjal ta' dawl u ilma, fejn il-proġett li miegħu tirrelata huwa indikat bhala 'Balzunetta E7'. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota li, filwaqt li fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu, l-istess John Sciberras jgħid li l-kont, fl-ammont ta' elf, mija u sebgħa u erbgħin ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€1,147.79ċ) huwa relattiv għal xogħlijiet ta' dawl u ilma f'żewg appartamenti, fil-blokka 'E', u ċjoè dawk bin-numru '7' u '9', il-proġett indikat fuq l-invoice huwa dak 'E7'. F'dan ir-rigward, it-Tribunal ma setax jiddeċifra jekk din l-istess invoice tirrelatax biss għall-appartament indikat fuqha, jew jekk tinkorporax ukoll xogħol fl-appartament l-ieħor, bin-numru 9, li għalih jirreferi l-attur fl-affidavit tiegħu. Di più, it-Tribunal jinnota wkoll li, minkejja li fl-istess affidavit tiegħu John Sciberras jgħid li kien issupplixxa wkoll oġġetti relatati mad-dawl, bħal '*terminals, plugs, double plugs, u pipes*', ma ġew provduti l-ebda rċevuti li jattestaw għal dak li Sciberras jgħid li kien mixtri minnu, u supplit lil Camilleri.

Fix-xhieda tiegħu, Franklin Farrugia, meta mistoqsi f'liema appartament sar ix-xogħol, jgħid li dan jaħseb li kien fl-appartament numru 8, fejn fil-fatt jiddeskrivi li f'kull sular hemm żewg appartamenti; u jgħid li x-xogħol sar f'appartament fir-raba' sular. Meta jerġa' jiġi mistoqsi fejn fil-blokka kien ħadem hu, l-istess xhud jgħid, "fil-komun u fl-appartament numru tmienja fir-raba' sular." Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal ma setax ikun konvint li x-xogħol kien esegwit fl-appartamenti indikati minn John Sciberras, jew f'liema minnhom.

Paul Buttigieg, imbagħad, fix-xhieda tiegħu jgħid li mhuwiex ċert f'liema appartament sar ix-xogħol; u jżid jgħid li huwa kellu x'jaqsam mal-lift. Mistoqsi dwar l-involviment li kellu Mario Camilleri fi ħdan din il-blokka, ix-xhud jirrispondi, "ma nafx ngħidlek x'kien sewwa, għax hu dejjem idur 'l hawn u 'hemm." Mill-banda l-oħra jgħid li lilu Mario Camilleri kien kellmu fuq appartament wieħed biss, fir-rigward ta' liema jgħid:

> *"Ix-xoghol kien, il-pajpijiet jitilghu kollox kif suppost, issa wasalna f'dan ta' Mario. Issa Mario qal lil John Sciberras, qallu jimporta biex ma noqghodx narma gox-xaft, tqabbadli l-pajpijiet u kollox gox-xaft. Dik kienet l-istorja. M'hemmx fejn tinfixel."*

L-istess xhud jikkonkludi x-xhieda tiegħu billi jgħid, "*ghax jien gox-xaft biss kelli x'naqsam u gox-xaft ghamiltlu.*"

Fl-isfond ta' din ix-xhieda, għal darb'oħra, it-Tribunal ma setax jasal għall-konvinċiment li x-xogħol verament twettaq fl-appartamenti indikati.

Il-konvenut, mill-banda l-oħra, jgħid illi miż-żewġ appartamenti indikati minn John Sciberras, wieħed biss huwa propjetà tiegħu; u jgħid li f'dan ħadem xi ħadd ieħor, fir-rigward ta' liema xogħol jgħid li kien f'pożizzjoni jesibixxi wkoll l-invoices. It-Tribunal jinnota li tali *invoices*, effettivament, baqgħu ma ġewx prodotti. Il-konvenut iżid iressaq bħala xhud tiegħu lil ċerta Noel Borg, li fl-affidavit tiegħu jgħid li wettaq xogħol fl-appartament ta' Mario Camilleri, u ċjoè dak E7. It-Tribunal jinnota li dan ix-xhud ma esibixxa l-ebda *invoice* li tirrelata max-xogħol magħmul, u għall-materjal supplit. Minflok, dan ix-xhud jgħid li x-xogħol esegwit minnu kellu jiġi paċut ma' xogħol li Mario Camilleri kien ser jagħmillu.

**Ikkunsidra ulterjorment:**

Bla tlaqliq, it-Tribunal isostni li l-ebda parti ma rnexxielha tqanqal konvinċiment dwar dak li verament kien jikkostitwixxi l-bażi fattwali ta' din il-pendenza. It-Tribunal, jagħraf, però, illi bħala l-parti li qed titlob ħlas, il-parti attriċi kellha tforni dawk il-provi neċessarji li permezz tagħhom sodisfaċentement tipprova l-kreditu minnha pretiż. Fl-isfond tan-nuqqasijiet, disparitajiet, u dettalji kunfliġġenti li rriżultaw mix-xhieda, kif fuq dettaljatament spjegat, it-Tribunal ma jistax jasal għall-konklużjoni li t-talbiet attriċi ġew suffiċjentement ippruvati.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

**(ft) Dr Marsette Portelli Xerri**
**Ġudikant**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**